**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sherise Curmi & Jurgen Debono

vs

J2F Promotions Ltd

CCT/52/21/MS

30 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Marzu 2021 fejn talbu is-somma ta' €1,770, depozitu imhallas l-isocjeta' intimata, wara li ma thallewx jipposponu t-tieg taghhom, u dan minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija tal-Covid.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn eccepiet illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talba ghandha tigi rifjutata ghas-segwenti regunijiet:
Li r-rikorrenti dahlu f'kuntratt ta' kiri tal-propjeta' sabiex huma jkunu jistghu jaghmlu avveniment u ghal kull effett legali l-organizzaturi tat-tieg huma r-rikorrenti:
Illi l-oggett tal-kuntratt mhuwiex wiehed ta' organizzazjoni tal-avveniment imma solament ta' kiri tal-propjeta' li huma responsable ghalih l-intimat, u huwa fl-interess tal-kerrej li jaghmel uzu minn dak id-data illi huwa jobbliga lis-sid jirriservalu; jekk il-kuntratt ma jigix onorat, ir-rikorrenti jigu obbligati illi jhallsu penali;
Illi in buona fede, l-intimati accettaw illi jmexxu d-data tat-tieg l-ewwel darba u anke tawhom gurnata ohra sabiex takkomoda lir-rikorrenti, u data ohra din is-sena;
Illi l-unika raguni ghaliex ir-rikorrenti ma riedux jaghmlu t-tieg huwa peress illi xtaqu jistiednu iktar nies, li certament m'huwa it-tort tal-intimati jekk il-gvern impedihom milli jistiednu n-nies illi huma xtaqu;
Illi l-kuntratt tal-kiri tal-lokazzjoni huwa car u jigi indikat illi 'Cancellations brought forward by the client for any reason whatsoever, after the signing of the contract shall result in forfeiting the deposit, as the deposit is non refundable."
Illi l-Gvern refa' r-responsabbilita tieghu u offra refund lil kull min ma riedx jaghmel avveniment din is-sena u ghaldaqstant jekk ir-rikorrenti mhumiex kuntenti bir-refund illi tahom il-Gvern, ghandhom jifthu din il-kawza kontra l-istess u mhux kontra l-intimati;

Illi jekk allegatament hadu r-refund tal-Gvern u fl-istess hin qed jitolbu kumpens mill-intimati, ikunu qed jippretendu li jigu refunded darbejn ghall-istess mottiv;

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-6 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti dahlu f'kuntratt (Venue rental agreement) mas-socjeta' intimata ghat-tieg taghhom li kellu jsir fil-21 ta' Gunju 2020 ghal hames mitt ruh fuq barra ghall-prezz ta' tlett elef Euro (ex VAT). Illi fis-6 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti hallsu depozitu ta' elf Euro l-isocjeta' intimata, u fit-12 ta' Ottubru 2018 regghu hallsu depozitu ta' seba mija u sebghin Euro - total ta' €1,770. Illi meta f' Marzu tas-sena 2020, it-tigijiet thassru, huma mexxew it-tieg tagghom ghal 16 ta' Mejju 2021, b'dan illi n-numru ta' mistiednin baqghet l-istess. Gara pero' illi meta t-tigijiet bdew isiru, dawn kienu permessi li jsiru biss b'massimu ta' tlett mitt persona barra u mija gewwa, inkluz l-istaff. Ghalhekk ir-rikorrenti ma setghux jakkommodaw in-numru ta' mistiednin li xtaqu huma, iktar u iktar jekk jekk it-tieg kellu jsir fuq gewwa minhabba t-temp, u ghalhekk talbu li jippospnu t-tieg ghas-sena ta' wara, pero' dan gie rifjutat mis-socjeta' intimata li baqghet tinsisti illi t-tieg isir fis-16 ta' Mejju 2021, jew inkella jaqa' l-kuntratt. Ir-rikorrenti tghid illi kuntrarjament ghal dak li qalu s-socjeta' intimata, huma ma hadu l-ebda rifuzjoni mill-Gvern ghaliex ma kenitx eligibbli ghalih. Tghid ukoll illi kellha tidhol fi spejjes ulterjeri ghaliex kellha tikri sala ohra, wara li ma hallewhomx jipposponu t-tieg.

Ir-rikorrenti qeghdin jargumentaw:
illi mhuwiex gust illi huma jitilfu l-ammont tad-depozitu kollu jekk lanqas hadu parti mis-servizz;
Illi ghalkemm meta huma talbu li jipposponu t-tieg it-tieni darba, it-tigijiet kienu qed isiru, xorta wahda kien hemm restrizzjonijiet li ma kienux jippermettu it-tieg isir kif xtaqu huma u jekk it-tieg kellu jsir gewwa minhabba t-temp, setghu jistiednu biss sittin ruh;

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata filwaqt li tikkonferma illi r-rikorrenti ghamlu kuntratt ghat-tieg li kellu jsir fis-sena 2020 gewwa Villa Katerina, jargumentaw illi s-servizz li jaghtu bhala kumpanija huwa limitat ghal kiri tal-propjeta ghal gurnata partikolari, u s-sala tigi maintained ghal dik il-gurnata partikolari. L-ewwel data tat-tieg kienet 21 ta' Gunju 2020 u din id-data giet postposta ghas-sena ta' wara - u cjoe' ghas-16 ta' Mejju 2021. Phyliss Muscat, li xehdet in rappresentanza tas-socjeta' intimata qalet illi f'Jannar 2021, ir-rikorrenti kkunttatjawha biex jergghu jipposponu t-tieg ghas-sena ta' wara - 2022, u peress illi dak iz-zmien it-tigijiet kien qed isiru, u ma kienx hemm l-ebda direttivi mill-

Gvern biex it-tigijiet jithassru, huma ma accettawx illi t-tieg jigi pospost ghas-sena ta' wara.

Is-socjeta' intimata qed targumenta:
Illi l-prezz tas-sala hija dejjem l-istess u huma ma jidhlux fil-kwistjoni tan-numru tal-mistiednin - is-sala tesa certu ammont ta' nies pero' il-prezz ghal mitt ruh jew hames mitt ruh huwa l-istess;
Illi meta r-rikorrenti talbet biex tipposponi t-tieg, tigijiet kienu qed isiru u huma kienu miftuhin.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qeghdin jitlolbu minghand is-socjeta' intimata il-hlas tas-somma ta' €1,770 - depozitu li huma kellhom ihallsu talli bbukkjaw is-sala tat-tieg bl-isem ta' Villa Katarina . Dan skond kuntratt datat 6 ta' Ottubru, 2018, u sussegwentement emendat. It-tieg originali ghal hames mitt ruh kellu jsir fl-21 ta' Gunju, 2020. Din id-data giet postposta ghas-16 ta' Mejju 2021 minhabba l-fatt illi f'Gunju 2020 ma kienux qed isiru tigijiet. Da parti taghhom, ir-rikorrenti jghidu li meta huma talbu biex jikancellaw it-tieg it-tieni darba, ghalkemm dak iz-zmien (Jannar 2021), tigijiet kienu qeghdin isiru, xorta wahda kien hemm restrizzjonijiet li ma kienx jippermetti in-numru tal-mistiednin li ried huma. Qalu wkoll illi fl-ahhar mill-ahhar, fis-16 ta' Mejju 2021, it-tieg xorta wahda ma setax isir wara li fil-bidu ta' Mejju 2021, il-gvern rega' kkancella it-tigijiet ghal darb-ohra.

Illi ghalkemm is-socjeta' intimata qed targumenta illi hi ma tidholx fil-kwistjoni tan-numru tal-mistiednin, jibqa' l-fatt illi meta si tratta ta' tieg, l-ghazla tas-sala huwa fattur importanti hafna u dan huwa determinat skond in-numru tal-mistiednin. L-ammont ta' tlett elef Euro ghal kiri ta' sala ghal circa hames sighat, mhuwiex ammont ta' flus zghir. Li kieku ir-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jistiednu sittin ruh jew anke mija, zgur ma kienux ser jintrigaw bil-kiri ta' sala li tiflah ghal hames mitt ruh ghal prezz ta' tlett elef euro. Ir-rikorrenti bbukjaw dik is-sala, propju ghaliex xtaqu ikollhom numru kbir ta' nies. Isegwi allura, illi bir-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' mistiednin, li kien xi haga barra mill-kontroll taghhom, ma setghux ikollhom it-tieg li huma xtaqu u ffirmaw ghalih skond il-kuntratt. Huma kellhom ragun jinkwetaw u t-talba taghhom (biex jipposponu l-avvenument) ma kienx wiehed kapriccuz fic-cirkostanzi. It-Tribunal m'ghandux dubju illi r-rikorrenti ma hadu l-ebda rifuzjoni mill-Gvern u din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma giet ppruvata.

Illi l-argumenti tas-socjeta' intimata, illi huma mhumiex l-organizzaturi u ma jidhlux fin-numru tal-mistiednin ma jreggux. In-numru ta' mistiednin kien fattur determinanti ghall-ghazla ta' dik is-sala, u ghaldaqstant jifforma parti integru tal-kuntratt. It-Tribunal lanqas ma jaqbel mal-argument tas-socjeta' intimata illi r-rikorrenti misshom ghamlu l-kawza

kontra l-gvern. Il-kuntratt kien bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata u meta saret l-ewwel talba ghal posponiment, il-ftehim u l-qbil kien bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-klawzola fil-kuntratt fuq id-depozitu - Cancellations brought forward by the client for any reason whatsoever, after the signing of the contract shall result in forfeiting the deposit, as the deposit is non refundable." it-Tribunal jidhirlu illi dan jaqa' fil-parametri tal-artikolu 45 tal-Kap 378.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi fl-4 ta' Mejju 2021, il-Gvern rega' hareg avviz u kkancella t-tigjijiet kollha fil-pajjiz, dan ifisser ukoll illi l-oggett tal-kuntratt ma setax isir u jkompli jsahhah l-argument tar-rikorrenti illi bid-depozitu taghhom, is-socjeta' intimata kienet qed tibbenefika ingustament.

It-Tribunal jidhirlu ghalhekk illi r-rikorrenti ghandhom ragun fit-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallashom is-somma ta' €1,770 . Bl-ispjjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru